# 48. Vjola

Il bogħ'd mill-belt, 'il barra,
fl-għelieqi, fil-widien,
Awwissu qed ixerred
bla ħsieb mill-qoffa lwien!

Fil-masġar is-Sbuħija
dlonk raqdet għal żmien twil
għad-dell, donnha għajjiena
mill-ġiri u t-tibdil;

Binhar il-għana lilha
ifesdaq il-werżieq;
bil-qalb il-grillu jserrħu
mill-għabex saż-żernieq.

Biss ifli lewn il-vjola
imxerred 'l hawn u 'l hemm,
– ix-xogħ'l ta' id imgħallma
li ġieħha qatt jintemm:

Ġawhar il-vjola jiżgħed
fl-ambaqar u fit-tin:
Oh! l-fwieħa tan-nwar vjola
tas-sagħtar u tal-klin!

Fanali vjola mdendla
mix-xtieli tal-brunġiel:
il bogħ'd mill-belt, 'il barra
għas-seħer ta' dal-ġmiel!

Oh! ġewwa l-belt" oh" ġewwa!
fil-agħa tat-triqat,
fejn l-ebda mera tlellex
ta' ġmielek bix-xbihat,

Sbuħija, ħlief fejn tħammar
u tfuħ siġra tal-ward
fuq tieqa ħadranija,
mhux għolja wisq mill-art!

Oh! l-ħlewwa ta' wiċċ Vjola
jidħakli minn ġon-nwar!
oh! ġewwa l-belt, oh! ġewwa,
ġol-bini, qalb is-swar!